MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2001

Numru. 420/2001
Kawza Numru. 28

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Diane Micallef ta' 27 sena mart Paul bint Paul Muscat u Maria nee Portelli li toqghod Blokk A, Flat 7, Tac-Cawla HE, Victoria, Ghawdex.**
**Karta ta' l-identita' Numru 13857 (A)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata talli fil-5 ta' Gunju 2001 ghall-habta tad-8:45 p.m. waqt li kienet gor-residenza taghha u anke fil-partijiet komuni ta' l-istess blokk ta' appartamenti (1) volontarjament kisret il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied (2) aktar talli minghajr ma darbet jew sawtet waddbet oggetti iebsin (gebla u bott zebgha) fid-direzzjoni ta' Paul Micallef, (3) u anke fl-istess incident bi traskuragni u b'nuqqas ta' hsieb

ikkagunat hsarat fuq vettura EAD 719 ghad-dannu ta' Walter Mompalao minn Victoria, Ghawdex.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika barra l-piena stabbilita mill-Qorti tapplika wkoll l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali Kap 9.

Semghet il-provi u r-rinunzja;

Fuq rinunzja tiddikjara l-procediment ezawrit kwantu t-tieni u t-tielet akkuzi;

Tilliberaha mill-ewwel akkuza stante li mhux pruvat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------